



Brussell, 6 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

9727/19

CT 55
ENFOPOL 278
COTER 71
JAI 589
COPEN 237

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	6 ta' Ġunju 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 9366/19	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet u l-ġlieda kontriha, u t-trattament ta' awturi ta' reati ta' terroriżmu u estremiżmu vjolenti wara r-rilaxx tagħhom - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill (6 ta' Ġunju 2019)</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet u l-ġlieda kontriha, u t-trattament ta' awturi ta' reati ta' terroriżmu u estremiżmu vjolenti wara r-rilaxx tagħhom, adottati mill-Kunsill fit-3697 laqgħa tiegħu li saret fis-6 ta' Ġunju 2019.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet u l-ġlieda kontriha, u t-trattament ta' awturi ta' reati ta' terroriżmu u estremiżmu vjolenti wara r-rilaxx tagħhom

FILWAQT LI JENFASIZZA li l-ġlieda kontra t-terroriżmu hija prijorità għolja fuq l-aġenda tal-Kunsill,

B'KONT MEĦUD li f'Ottubru 2018 il-Kunsill Ewropew sejjaħ għal miżuri biex tissaħħaħ il-kapaċità għall-prevenzjoni u r-reazzjoni effettivi tar-radikalizzazzjoni u t-terroriżmu, b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali,

FILWAQT LI JINNOTA li r-radikalizzazzjoni fil-forom kollha tagħha, li twassal għat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, tkompli toħloq sfidi sinifikanti li jirrikjedu approċċ li jinvolvi diversi aġenziji, l-ewwel nett fl-Istati Membri, imbagħad fil-livell tal-UE, u mbagħad fir-reġjuni ġirien ta' prijorità,

FILWAQT LI JENFASIZZA l-importanza u l-urġenza partikolari ta' miżuri effettivi għall-indirizzar ta' awturi ta' reati ta' terroriżmu u estremiżmu vjolenti, għall-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet u għall-implimentazzjoni ta' strateġiji ta' riabilitazzjoni u riintegrazzjoni fid-dawl tar-riskju ppreżentat mill-għadd dejjem akbar ta' awturi ta' reati ta' terroriżmu u estremiżmu vjolenti jew awturi ta' reati radikalizzati waqt li jservu s-sentenzi tagħhom fil-ħabs, u l-fatt li għadd minnhom ser jiġu rilaxxati fis-sentejn li ġejjin, kif enfasizzat mill-valutazzjoni tat-theddid tal-UE fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu,

FILWAQT LI JILQA' l-isforzi komuni tal-Istati Membri u l-Kummissjoni f'dan il-qasam, b'mod partikolari r-rapport finali tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli tal-Kummissjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni (HLEG-R), l-istabbiliment tal-Bord ta' Tmexxija dwar ir-Radikalizzazzjoni, u l-orjentazzjonijiet strateġiċi dwar approċċ koordinat tal-UE għall-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni għall-2019, li jindikaw li t-trattament ta' awturi ta' reati ta' terroriżmu u estremiżmu vjolenti u l-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet jibqgħu sfidi sinifikanti madwar l-UE, u filwaqt li jirrakkomandaw it-tisħiħ tal-kapaċità tal-Istati Membri li jiżviluppaw, jimplimentaw u jevalwaw l-għodod għall-valutazzjoni tar-riskju u l-programmi ta' diżimpenn, sabiex ikunu possibbli r-riabilitazzjoni u r-riintegrazzjoni mmirati u effettivi ta' awturi ta' reati ta' terroriżmu u estremiżmu vjolenti,

FILWAQT LI JILQA' l-inizjattiva tal-Istati Membri dwar il-ħidma preventiva fil-ħabsijiet, ir-riabilitazzjoni u r-riintegrazzjoni taħt l-approċċ ibbażat fuq il-proġetti li ġie introdott bħala waħda mir-rakkomandazzjonijiet tal-HLCEG-R,

FILWAQT LI JIEĦU NOTA li l-konklużjonijiet tar-rapport tal-Kumitat Speċjali tal-PE dwar it-Terroriżmu jenfasizzaw ukoll il-ħtieġa li tiġi indirizzata l-isfida dejjem akbar tar-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet, u li jiġu żviluppati u implimentati miżuri aktar effettivi f'dan il-qasam,

FILWAQT LI JGĦARAF il-ħidma f'dan il-qasam imwettqa miċ-Ċentru ta' Eċċellenza tan-Netwerk ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni (RAN), li huwa pjattaforma essenzjali għall-iskambju tal-aħjar prassi fost il-prattikanti u l-iżvilupp tal-ġharfien f'dan il-qasam partikolari,

FILWAQT LI JFAKKAR, b'mod partikolari:

- fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar it-titjib tar-reazzjoni tal-ġustizzja kriminali għar-radikalizzazzjoni li twassal għat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti¹, adottati fl-20 ta' Novembru 2015, u b'mod partikolari l-konklużjonijiet dwar is-sistemi ta' detenzjoni, ir-riabilitazzjoni u r-riintegrazzjoni u t-taħriġ;
- fil-Linji Gwida Riveduti għall-Istrateġija tal-UE Kontra r-Radikalizzazzjoni u r-Reklutaġġ għat-Terroriżmu tat-30 ta' Ġunju 2017²;
- fil-konklużjonijiet tal-konferenza dwar ir-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet li saret fis-27 ta' Frar 2018, organizzata mill-Kummissjoni flimkien mal-Presidenza Bulgara (b'kont meħud tal-ħidma li saret f'dan il-qasam mill-2015 'il quddiem);
- fid-diskussjoni waqt l-ikla ta' nofsinhar tal-Ministri għall-Ġustizzja tad-9 ta' Marzu 2018 dwar ir-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet;
- fil-Pjan ta' Azzjoni Konġunt dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu UE-Balkani tal-Punent, iffirmat f'Ottubru 2018.

¹ 14419/15

² 10855/17

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

JAGĦRAF ir-riskju potenzjali għaċ-ċittadini Ewropej li joriġina minn atti terroristiċi ispirati, organizzati, iffaċilitati jew imwettqin minn awturi ta' reati ta' terroriżmu u estremiżmu vjolenti u/jew individwi radikalizzati waqt li jservu s-sentenzi tagħhom fil-ħabsijiet.

JIRRIKONOXXI l-ħtieġa għal titjib kontinwu tal-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni ta' azzjonijiet kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE, u għal żvilupp tal-għodod l-aktar xierqa biex tiġi indirizzata b'mod effiċjenti l-isfida assoċjata mar-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI BIEX:

- jiżviluppaw aktar interventi speċjalizzati għat-trattament ta' awturi ta' reati ta' terroriżmu u estremiżmu vjolenti u awturi ta' reati vvalutati bħala f'riskju li jiġu radikalizzati waqt li jkunu qed iservu s-sentenzi tagħhom fil-ħabs, inkluż possibbiltajiet għal skambju ta' informazzjoni bejn diversi aġenziji, bl-għan speċifiku ta' riabilitazzjoni, riintegrazzjoni u ġestjoni tar-riskju wara r-rilaxx;
- jimplimentaw il-konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill u, fejn xieraq, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni;
- meta jkun meħtieġ u fejn xieraq, jagħmlu l-aħjar użu mill-prattiki t-tajbin dwar l-indirizzar tar-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet, li rriżultaw mill-eżerċizzju ta' konsultazzjoni wiesa' mwettaq mill-Presidenza u ddettaljat fl-Anness;
- jesploraw il-possibbiltà li jingħaqdu man-netwerk Ewropew tal-Akkademji għat-Taħriġ fil-ħabsijiet (EPTA) u jinkoraġġixxu parteċipazzjoni fil-proġett li għaddej kofinanzjat mill-Programm dwar il-Ġustizzja biex jiġi żviluppat dan in-netwerk.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI BIEX:

- tappoġġa l-ħidma tal-Istati Membri (inkluż permezz tal-istrumenti finanzjarji disponibbli, bħall-Fond għas-Sigurtà Interna – Pulizija u l-Programm dwar il-Ġustizzja) sabiex jiġu żviluppati ulterjorment għodod u prattiki għall-ġestjoni tar-riskju u jiġu implimentati programmi ta' taħriġ għal professjonisti u prattikanti rilevanti (il-persunal tal-ħabsijiet, l-uffiċjali tal-probation u l-ġudikatura, eċċ.), programmi ta' deradikalizzazzjoni, diżimpenn u riabilitazzjoni għal awturi ta' reati ta' terroriżmu u estremiżmu vjolenti waqt id-detenzjoni u r-riabilitazzjoni, u għodod ta' riintegrazzjoni soċjali għal wara r-rilaxx tagħhom mill-ħabs;
- tkompli tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni u l-kondiviżjoni ta' prassi u taġġlimiet tajbin mitgħallmin mill-ħidma dinamika tad-diversi inizjattivi stabbiliti f'dan il-qasam, waqt li jiġu involuti n-networks tal-Istati Membri u l-prattikanti f'oqsma ta' attività rilevanti differenti, bħall-EuroPris, il-Konfederazzjoni Ewropea tal-Probation (CEP) u r-RAN;
- tikkontribwixxi aktar għall-iżvilupp ta' għarfien ikkonsolidat, riċerka bbażata fuq l-evidenza u gwida prattika fil-livell tal-UE sabiex l-Istati Membri jiġu appoġġati b'mod effiċjenti fl-indirizzar tar-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet u l-integrazzjoni soċjali tal-awturi ta' reati ta' terroriżmu u estremiżmu vjolenti u/jew awturi ta' reati radikalizzati fil-ħabsijiet;
- tkompli tappoġġa l-ħidma ta' pajjiżi u sħab terzi, b'mod partikolari r-reġjuni ġirien bħall-Balkani tal-Punent, ir-reġjun MENA (il- Lvant Nofsani u l- Afrika ta' Fuq) u s-Sahel għall-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet u għall-istabbiliment ta' programmi ta' deradikalizzazzjoni u diżimpenn waqt id-detenzjoni kif ukoll programmi ta' riabilitazzjoni u riintegrazzjoni wara r-rilaxx,
- tinkludi r-riżultati tal-konsultazzjoni mill-Presidenza Rumena f'ħidma futura dwar it-trattament ta' awturi ta' reati ta' terroriżmu u estremiżmu vjolenti u dwar ir-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet, u tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' prattiki u interventi rilevanti;
- tirrieżamina l-progress li sar u tivvaluta l-ħtieġa għal aktar azzjoni, flimkien mal-Istati Membri, fil-Bord ta' Tmexxija dwar ir-Radikalizzazzjoni.

PRATTIKI TAJBA għall-indirizzar tar-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet u t-trattament ta' awturi ta' reati ta' terroriżmu u estremiżmu vjolenti wara r-rilaxx

Qafas ġenerali

Huwa meħtieġ approċċ multidixxiplinari, li jqis id-dimensjonijiet differenti tal-proċess – prevenzjoni, sanzjonijiet/priġunerija, riabilitazzjoni u riintegrazzjoni – sabiex jiġi żgurat li l-ħidma tal-atturi istituzzjonali u soċjetali involuti fil-livell nazzjonali u Ewropew tkun koerenti u kkoordinata.

Koordinazzjoni nazzjonali effiċjenti u politiki ta' kooperazzjoni li jinvolvu atturi rilevanti jistgħu jiffaċilitaw l-iskoperta bikrija tar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ fil-ħabsijiet u l-iżvilupp ta' miżuri xierqa. Dawn jistgħu jinkludu skambju rapidu ta' informazzjoni (li jinvolvi networks u gruppi ta' ħidma bejn id-dipartimenti/aġenziji), struzzjonijiet u strateġiji bil-miktub, u/jew taħriġ u gwida speċjalizzati.

Il-miżuri jistgħu jiġu kontinwament adattati u aġġornati biex jirriflettu n-natura li qed tevolvi tal-isfida minħabba l-bidliet fl-ambjent radikali jew estremist.

Unitajiet speċjalizzati u multidixxiplinari responsabbli għall-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti u r-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet jistgħu jkunu għodda effiċjenti biex iwettqu – bi sħubija ma' partijiet ikkonċernati oħra, uħud minnhom lokali – l-identifikazzjoni, id-deradikalizzazzjoni, id-diżimpenn u r-riintegrazzjoni soċjali ta' individwi radikalizzati, u jippruvaw jipprevjenu r-radikalizzazzjoni.

Tista' ssir valutazzjoni biex jiġi ddeterminat jekk hemmx bżonn li jiġu żviluppati programmi speċjalizzati biex jirrispondu għall-ħtiġijiet u l-karatteristiċi speċifiċi ta' terroristi nisa jew l-awturi ta' reati ta' estremiżmu vjolenti.

Għandha tingħata attenzjoni speċjali fir-rigward ta' awturi ta' reati minorenni, li għandhom jiġu kkunsidrati mhux biss bħala awturi jew theddid possibbli, iżda wkoll – skont l-età u l-istadju ta' żvilupp personali tagħhom – bħala vittmi, b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali tagħhom u f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali u tal-UE rilevanti dwar id-detenzjoni tal-minorenni.

Taħriġ

Jistgħu jiġu żviluppati u implimentati programmi ta' taħriġ komprensiv għall-persunal tal-ħabs u l-probation – inkluż moduli dwar sensibilizzazzjoni speċifika u l-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni matul it-taħriġ inizjali tagħhom – speċjalment f'dawk il-ħabsijiet li jospitaw ħabsin bi sfond ta' terroriżmu jew ta' radikalizzazzjoni.

Il-programmi jistgħu jiffukaw fuq it-titjib tal-fehim tal-persunal dwar l-estremiżmu vjolenti, il-fenomeni tar-radikalizzazzjoni u l-ideoloġiji estremisti (inkluż kif għandhom jiġu identifikati sinjali bikrija ta' imġiba radikalizzata u kif jiġu pprovduti narrattivi alternattivi) jew fuq l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni speċifiċi mmirati lejn ħabsin żgħażaġh u vulnerabbli b'fatturi ta' riskju sinifikanti. B'hekk, il-persunal għandu jkun jista' jgħammar lill-nnifsu bl-għarfien u l-għodod biex jindirizza l-isfidi li jiffaċċa matul l-interazzjoni normali mal-ħabsin, jiżviluppa l-kapaċitajiet tiegħu ta' rispons għas-sitwazzjoni u jiffaċilita l-ħidma tiegħu ma' ħabsin vjolenti. It-taħriġ għandu jittfassal skont il-ħtiġijiet ta' tipi differenti ta' persunal u r-responsabbiltajiet speċifiċi tagħhom.

Jista' jkun utli sett ta' għodod li jgħin lill-persunal tal-ħabsijiet u tal-probation biex jaħdem ma' ħabsin li jistgħu jkunu soġġetti għar-radikalizzazzjoni.

Attivitajiet ta' taħriġ organizzati minn aġenziji tal-UE (eż. CEPOL) jew networks rilevanti tal-UE (eż. RAN, CEP, EuroPris, EPTA), jew iffaċilitati minn proġetti ffinanzjati mill-UE (eż. DERAD) huma ta' benefiċċju. Manwali, linji gwida u tipi oħra ta' appoġġ huma utli wkoll.

Sessjonijiet ta' taħriġ dwar ir-radikalizzazzjoni għall-imħallfin u l-prosekuturi fil-livell nazzjonali jistgħu jiġu promossi bħala segwitu għall-ittestjar tal-moduli ta' taħriġ madwar l-UE tan-Netzwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN).

PRIĠUNERIJA

Reġim

Ir-reġim ta' detenzjoni applikabbli għal individwi kkundannati għal reati terroristiċi normalment jiġi deċiż fuq bażi ta' skont il-każ, wara valutazzjoni inizjali tar-riskju. Madankollu, jistgħu jiġu applikati miżuri speċjali ta' sigurtà (jew ġenerali jew adattati individwalment), jekk ikun hemm bżonn, inkluż is-separazzjoni minn ma' ħabsin oħra.

Valutazzjoni inizjali tar-riskju tista' titwettaq biex jiġi ddeterminat ir-reġim ta' detenzjoni xieraq għal kull ħabsi.

Ir-riskju tar-radikalizzazzjoni u t-theddida potenzjali għas-sigurtà ta' ħabsin oħra jistgħu jiġu vvalutati minn tim ta' speċjalisti, jiġifieri persunal tal-ħabs u professjonisti (inkluż psikologu jew psikjatra). Għall-każijiet l-aktar estremi, jistgħu jinħolqu żoni separati f'ħabsijiet ta' sigurtà għolja.

Soluzzjoni alternattiva hija d-dispersjoni ta' individwi radikalizzati fost il-popolazzjoni ġenerali tal-ħabs – filwaqt li madankollu jiġi evitat li tali individwi jkollhom kuntatt dirett ma' ħabsin vulnerabbli jew ma' xulxin – biex jiġi evitat ukoll li dawn ixerrdu fehmiet estremisti vjolenti u/jew joħlqu networks.

Valutazzjoni tar-riskji potenzjali

Persunal speċjalizzat – individwi mħarrġa biex josservaw id-differenzi interkulturali u jirrikonoxxu sinjali ta' radikalizzazzjoni – impjegat biex jissorvelja l-imġiba u l-affiljazzjonijiet tal-ħabsin wera li huwa metodu effiċjenti biex jiġu identifikati s-sorsi u l-faċilitaturi tar-radikalizzazzjoni. Dawn il-membri tal-persunal jistgħu jagħmlu skambju ta' informazzjoni regolari ma' partijiet rilevanti oħrajn, inkluż iżda mhux biss limitat għal persunal tal-ħabs, is-servizzi tal-ħabs u l-probation u awtoritajiet kompetenti oħrajn.

Għodod ta' valutazzjoni tar-riskju professjonali (eż. VERA-2R , ERG 22), adattati għall-ħtiġijiet ta' kull Stat Membru, jistgħu jintużaw biex isawru ġestjoni tar-riskju proporzjonata, iżidu l-fehim u l-kunfidenza fost il-persunal l-aktar espost u daww li jieħdu d-deċiżjonijiet li jaħdmu mat-terroristi u awturi ta' reati ta' estremiżmu vjolenti, u biex jiffaċilitaw u jiggwidaw intervent immirat effettiv.

Valutazzjoni effettiva, ibbażata fuq indikaturi ċari u operazzjonali, tista' tqis, pereżempju, tliet dimensjonijiet ta' radikalizzazzjoni:

1. l-individwu kemm jaderixxi għall-ideoloġija radikali;
2. kemm huwa probabbli li hu jew hi jkunu involuti fi vjolenza b'riżultat ta' dan; u
3. kemm hu jew hi kapaċi jagħmel jew tagħmel ħsara.

L-amministrazzjoni tal-ħabs tista' twettaq valutazzjonijiet tar-riskju b'mod regolari – f'kooperazzjoni ma' awtoritajiet nazzjonali oħra, inkluż l-awtoritajiet għidizzjarji u s-servizzi tas-sigurtà – biex jiġi evalwat ir-riskju ppreżentat mill-ħabsin radikalizzati. Dawn jistgħu jitwettqu fil-bidu, matul u/jew qrib it-tmiem tal-priġunerija ta' individwi bħal dawn. Jistgħu jitħejjew rapporti ta' segwitu qabel ir-rilaxx, li jiġbru fil-qosor l-informazzjoni miġbura matul id-detenzjoni, li għandhom jintbagħtu lill-partijiet involuti fi programmi ta' wara r-rilaxx.

Skambju ta' informazzjoni

Il-persunal (jew strutturi) speċjalizzat xieraq fi ħdan is-sistema tal-ħabs jista' jingħata l-kompitu li jiġbor, jipproċessa u jikkondividi informazzjoni dwar ir-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet, f'konformità stretta skont ir-regoli tal-protezzjoni tad-data u l-prinċipju tal-ħtieġa ta' taġħrif.

Il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fil-livell nazzjonali fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti (l-awtoritajiet tal-ħabsijiet u tal-probation, l-infurzar tal-liġi u awtoritajiet kompetenti oħrajn) jistgħu jinkludu l-iskambju ta' informazzjoni u ta' għarfien espert, laqgħat iddedikati u l-għażla ta' gruppi speċjalizzati jew ta' task forces biex jiddiskutu każijiet speċifiċi li joħolqu riskji ta' estremiżmu vjolenti u/jew jesponu l-vulnerabbiltajiet.

Programmi ta' deradikalizzazzjoni, diżimpenn u riabilitazzjoni

Miżuri li jinkoraġġixxu lill-ħabsin jiddiżimpenjaw ruħhom mill-attivitajiet estremisti vjolenti jistgħu jiġu implimentati fuq bażi ta' skont il-każ. Il-persunal għandu jimpenja ruħu b'mod kostruttiv fi djalogu mal-ħabsin li huma interessati f'ideat ta' estremiżmu vjolenti. Timijiet ta' psikologi, edukaturi, eċċ. jistgħu jipprovdu għajjnuna u appoġġ lill-professjonisti li jaħdmu fis-servizzi tal-ħabsijiet u tal-probation.

Il-programmi ta' deradikalizzazzjoni, diżimpenn u ta' riabilitazzjoni jistgħu jkopru, b'mod partikolari:

- żvilupp ta' kompetenzi soċjali u ħiliet ta' komunikazzjoni tal-ħabsin;
- edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali għall-ħabsin biex jassistu l-integrazzjoni tagħhom wara r-rilaxx;
- taħriġ dwar l-imġiba konjittiva (eż. biex jiġi modifikat il-ħsieb impulsiv u egoċentriku);
- konsulenza, terapija u riabilitazzjoni (eż. trattament għal abbuż mid-droga, jew għal imġiba vjolenti jew kriminali);
- involviment f'avvenimenti kulturali, soċjali u sportivi
- inkoraġġiment lill-ħabsin biex jevitaw il-vjolenza fil-forom kollha tagħha.

Jistgħu jiġu definiti indikaturi tal-prestazzjoni li jistgħu jitkejlu biex tiġi vvalutata l-effettività ta' programmi ta' deradikalizzazzjoni, ta' diżimpenn u ta' riabilitazzjoni.

Rappreżentanti reliġjużi li jipprovdu assistenza spiritwali lil ħabsin għandhom rwol sinifikanti biex jipprovdu kontronarrattiva għall-ideoloġiji reliġjużi vjolenti. Dawn jistgħu jifhmu u, meta jkun meħtieġ, jisfidaw il-filosofija u l-interpretazzjonijiet teoloġiċi ta' awtur ta' reati ta' terroriżmu u estremiżmu vjolenti. Jista' jiġi pprovdut appoġġ għal rappreżentanti reliġjużi – bħal taħriġ speċjalizzat – li jiffoka fuq komunikazzjoni kostruttiva u narrattivi alternattivi. Biex jiġi evitat kwalunkwe riskju ta' aktar radikalizzazzjoni tal-ħabsin, ir-rappreżentanti reliġjużi li jaħdmu magħhom – xi drabi impjegati mill-ħabsijiet – jistgħu jkunu soġġetti għal proċess ta' skrutinju u proċedura ta' għażla bir-reqqa, qabel ma jinħatru, skont il-leġislazzjoni nazzjonali.

L-NGOs u l-ħaddiema soċjali jistgħu jikkontribwixxu u jappoġġaw id-deradikalizzazzjoni u d-diżimpenn tal-ħabsin. Jistgħu jiġu żviluppati sħubijiet ma' voluntiera jew entitajiet oħrajn mhux governattivi sabiex jiġu estiżi n-netwerks soċjali tal-ħabsin.

WARA R-RILAXX

Riabilitazzjoni u riintegrazzjoni

L-assistenza psikoloġika, konsulenza, edukazzjoni, taħriġ u appoġġ huma kollha kruċjali għar-riintegrazzjoni professjonali u soċjali ta' suċċess ta' individwi li setgħu kienu soġġetti għar-radikalizzazzjoni qabel jew matul iż-żmien tagħhom fil-ħabs.

Approċċ li jinkludi diversi aġenziji – wieħed li jista' jinkludi servizzi ta' probation, awtoritajiet lokali, ħaddiema soċjali u NGOs, kif ukoll, fejn applikabbli, ir-rappreżentanti reliġjużi – huwa essenzjali sabiex dawk li kienu l-ħabs ikunu jistgħu jerġgħu jintegraw b'suċċess u ma jitħallewx jerġgħu jidħlu f'attivitajiet radikali jew ta' estremiżmu vjolenti.

Jistgħu jiġu żviluppati programmi li jfittxu li jiffaċilitaw ir-riabilitazzjoni u r-riintegrazzjoni soċjali ta' awturi ta' reati ta' terroriżmu u estremiżmu vjolenti.

Monitoraġġ u skambju ta' informazzjoni

L-iskambju ta' informazzjoni fil-livell nazzjonali bejn il-ħabsijiet, is-servizzi ta' probation u s-sħab tas-sigurtà fuq naħa u s-sħab soċjali u lokali fuq l-oħra jeħtieġ li jiġi ffaċilitat, bil-ħsieb li jiġu implimentati programmi ta' riintegrazzjoni u reġimi ta' monitoraġġ effettivi u biex jitnaqqas ir-riskju ta' reċidiviżmu.

Monitoraġġ ulterjuri ta' individwi radikalizzati li, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju, jitqiesu li huma ta' theddida kontinwa wara r-rilaxx jista' jiġi żgurat fuq bażi ta' skont il-każ, f'konformità mal-liġi nazzjonali u b'rispett għall-prinċipju tal-proporzjonalità u d-drittijiet fundamentali tal-individwu kkonċernat.

Miżuri ta' wara r-rilaxx jistgħu jkunu utli wkoll, bil-ħsieb li jiġi evitat li terroristi jew awturi ta' reati ta' estremiżmu vjolenti jew awturi ta' reati jiġu radikalizzati waqt li jkunu qed iservu s-sentenza tagħhom il-ħabs milli jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' estremiżmu vjolenti wara r-rilaxx.

Il-kondiviżjoni ta' informazzjoni ta' livell strateġiku fil-livell tal-UE dwar ir-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet tista' tiġi żviluppata aktar.

Barra minn hekk, l-iskambju ta' informazzjoni dwar ħabsin radikalizzati bejn l-Istati Membri tal-UE (u, fejn applikabbli, l-istati ta' oriġini/ta' residenza tagħhom) fuq bażi bilaterali jew multilaterali, sal-punt permess mil-liġi nazzjonali, jista' jkun għodda ta' valur, pereżempju meta l-informazzjoni kondiviża tkun tappartjeni lill-eks ħabsin li jirritornaw jew li jivvjaġġaw fi Stati Membri differenti. L-użu aħjar tas-sistemi ta' informazzjoni eżistenti (inkluż is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen) jista' jkun ta' benefiċċju.